MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 481/2011

**Lighthouse Communications Ltd**

**Vs**

**Chains Catering Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Gunju 2011 fejn is-socjeta attrici talbet illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u dsatax-il Ewro u hamsin centezmu (€619.50) rapprezentanti l-prezz ta servizzi mghotija lis-socjeta konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa ma thallasx minkejja li giet interpellata diversi drabi inkluz bl-ittra bonarja tat-30 ta Marzu 2011.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta, bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, inkluz il-mandat ta sekwestru kawtelatorju.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenut sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tiegha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tal-14 ta' Mejju 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta fl-14 ta' Mejju 2012 u filfatt is-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u dsatax-il Ewro u hamsin centezmu (€619.50) bl-imghax legali mill-1 ta' Settembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut inkluz tal-Ittra Ufficjali tat-30 ta' Marzu 2011 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------